MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 2087/2004

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Christopher Micallef (I.D 388272M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ hames mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm552.27c) dovuta kwantu ghas-somma ta’ hames mija u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm532.55c) bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 11627830010 u kwantu ghas-somma ta’ dsatax-il lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm19.72c) bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 20000098104 u dana oltre l-imghax ulterjuri b’effett mit-30 ta’ Gunju, 2004.

Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata fit-12 t’Ottubru, 2005 li permezz taghha l-bank attur irriduca s-sorte bis-somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) stante pagament akkont ta’ l-imsemmija somma ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fil-mori tal-kawza.

Ra illi l-konvenut Christopher Micallef, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tal-bank attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-12 t’Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta’ erba’ mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm452.27c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------